**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Pesti Központi Kerületi Bíróság (l-Ungerija) fl-20 ta' Novembru 2013 — Martin Meat Kft. vs Géza Simonfay u Ulrich Salburg**

**(Kawża C-586/13)**

(2014/C 71/04)

*Lingwa tal-kawża: l-Ungeriż*

**Qorti tar-rinviju**

Pesti Központi Kerületi Bíróság

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrent:* Martin Meat Kft.

*Konvenuti:* Géza Simonfay, Ulrich Salburg

**Domandi preliminari**

(1) Huwa każ ta' "provvista ta' ħaddiema", fis-sens tad-dritt tal-Unjoni u b'mod partikolari tad-definizzjoni tas-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Ġustizzja fil-Kawżi magħquda C-307/09 sa C-309/09 [1], meta l-prestatarju jimpenja ruħu li jipproċessa karkassi taċ-ċanga permezz tal-ħaddiema tiegħu stess fil-biċċerija tal-klijent, fejn huwa jipproċessa n-nofs karkassi taċ-ċanga fil-bini li dan qiegħed jikrilu, u jippakkjahom f'pakketti ta' laħam lesti għat-tqegħid fis-suq, u li huwa mħallas skont il-kilogrammi ta' laħam ipproċessat, fejn huwa stabbilit li r-remunerazzjoni miftiehma titnaqqas f'każ ta' kwalità insuffiċjenti, fid-dawl tal-fatt ukoll li l-prestatarju jipprovdi dan is-servizz, fl-Istat ospitanti, għall-uniku u l-istess klijent u li dan tal-aħħar iwettaq ukoll il-kontroll tal-kwalità tax-xogħol ta' pproċessar tal-laħam?

(2) Il-prinċipju fundamentali stabbilit fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Ġustizzja fil-Kawżi magħquda C307/09 sa C309/09, li permezz tiegħu il-provvista ta' ħaddiema tista' tiġi suġġetta għal restrizzjonijiet matul it-tul ta' applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tranżitorji dwar il-moviment liberu tal-ħaddiema previsti mit-Trattati dwar l-adeżjoni tal-Istati Membri li ngħaqdu mal-Unjoni Ewropea fl-1 ta' Mejju 2004, huwa wkoll applikabbli għall-kollokament ta' ħaddiema lejn l-Awstrija, fil-kuntest ta' provvista ta' ħaddiema, minn impriża bl-uffiċċju rreġistrat tagħha fi Stat Membru li aderixxa mal-Unjoni Ewropea fl-1 ta' Mejju 2004, meta dan il-kollokament ma jseħħx f'settur protett fis-sens ta' trattati ta' adeżjoni?

[1] Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tieni Awla) tal-10 ta' Frar 2011.

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Verwaltungsgerichtshof (l-Awstrija) fid-19 ta' Novembru 2013 — F.E. Familienprivatstiftung Eisenstadt**

**(Kawża C-589/13)**

(2014/C 71/05)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

**Qorti tar-rinviju**

Verwaltungsgerichtshof

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* F.E. Familienprivatstiftung Eisenstadt

*Konvenut:* Unabhängiger Finanzsenat Außenstelle Wien

**Domanda preliminari**

L-Artikolu 56 KE (li issa sar l-Artikolu 63 TFUE) għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi sistema ta' impożizzjoni ta' dħul mill-kapital u ta' dħul mit-trasferiment ta' holdings ta' fondazzjoni Awstrijaka, li tipprovdi l-issuġġettar tal-fondazzjoni għal "taxxa provviżorja", sabiex tiġi ggarantita impożizzjoni unika nazzjonali, biss fil-każ fejn, minħabba ftehim kontra t-taxxa doppja, il-benefiċjarju ta' donazzjonijiet tal-fondazzjoni jkun eżentat mit-taxxa fuq id-dħul mill-kapital li bħala prinċipju hija imposta fuq id-donazzjonijiet?

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Bundesfinanzhof (il-Ġermanja) fil-21 ta' Novembru 2013 — "go fair" Zeitarbeit OHG vs Finanzamt Hamburg-Altona**

**(Kawża C-594/13)**

(2014/C 71/06)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

**Qorti tar-rinviju**

Bundesfinanzhof

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* "go fair" Zeitarbeit OHG

*Konvenut:* Finanzamt Hamburg-Altona

**Domandi preliminari**

(1) Fir-rigward tal-interpretazzjoni tal-Artikolu 132(1)(g) tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE [1], tat-28 ta' Novembru 2006, dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud:

(a) Stat Membru jista' jeżerċita s-setgħa diskrezzjonali tiegħu sabiex jirrikonoxxi entità bħala organu ta' natura soċjali fis-sens li, filwaqt li bla dubju jirrikonoxxi persuni li jipprovdu s-servizzi tagħhom lil fondi soċjali u lil fondi ta' assigurazzjoni għal dipendenza, ma jirrikonoxxix persunal li jipprovdi kura, gradwat tal-Istat, li jipprovdi s-servizzi tiegħu direttament lil persuni li jeħtieġu kura?

(b) Jekk il-persunal li jipprovdi kura, gradwat tal-Istat, għandu jiġi rrikonoxxut bħala organu ta' natura soċjali: ir-rikonoxximent ta' aġenzija ta' xogħol temporanju li tikri persunal li jipprovdi kura, gradwat tal-Istat, lil stabbilimenti ta' kura rrikonoxxuti (stabbilimenti destinatarji) jirriżulta mir-rikonoxximent tal-persunal mikri?

(2) Fir-rigward tal-Artikolu 134(a) tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE, tat-28 ta' Novembru 2006, dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud:

Il-provvista ta' persunal li jipprovdi kura, gradwat tal-Istat, bħala operazzjoni li hija strettament marbuta mal-assistenza u mas-sigurtà soċjali, hija indispensabbli għall-finijiet tal-provvista ta' servizzi ta' kura lill-istabbiliment destinatarju (l-utent tal-persunal), jekk l-istabbiliment ma jkunx jista' jopera mingħajr tali persunal?

(1) ĠU L 347, p. 1

## Appell ippreżentat fil-25 ta' Novembru 2013 minn Duravit AG *et* mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġenerali (Ir-Raba' Awla) fis-16 ta' Settembru 2013 fil-Kawża T-364/10, Duravit AG *et* vs Il-Kummissjoni Ewropea

**(Kawża C-609/13 P)**

(2014/C 71/07)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

### Partijiet

*Appellanti:* Duravit AG, Duravit SA, Duravit BeLux SPRL/BVBA (rappreżentanti: U. Soltész LL.M u C. von Köckritz, avukati)

*Partijiet oħra fil-proċedura:* Il-Kummissjoni Ewropea, Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

### Talbiet tal-appellanti

(1) tannulla s-sentenza tal-Qorti Ġenerali (Ir-Raba' Awla) tas-16 ta' Settembru 2013 fil-Kawża T-364/10 sa fejn tiċħad ir-rikors tar-rikorrenti;

(2) tannulla, fl-intier tagħhom, l-Artikolu 1(1), l-Artikolu 2 u l-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2010) 4185 finali, tat-23 ta' Ġunju 2010, fil-Każ COMP/39.092 — Installazzjonijiet sanitarji għal kmamar tal-banju, skont ir-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE, sa fejn jikkonċernaw lir-rikorrenti;

(3) sussidjarjament (fit-tieni kap tat-talbiet) tannulla jew tnaqqas sostanzjalment il-multi imposti fuq ir-rikorrenti bid-deċiżjoni ċċitata;

(4) iktar sussidjarjament (fit-tieni u fit-tielet kap tat-talbiet) tirrinvija l-kawża quddiem il-Qorti Ġenerali sabiex tiddeċiedi mill-ġdid skont il-prinċipji tad-dritt stabbiliti mill-Qorti Ġenerali;

(5) Fi kwalunkwe każ, tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż tal-proċeduri quddiem il-Qorti Ġenerali u l-Qorti tal-Ġustizzja.

### Aggravji u argumenti prinċipali

Insostenn tal-appell tagħhom, l-appellanti jinvokaw sitt aggravji.

L-ewwel nett, il-Qorti Ġenerali kisret l-Artikolu 31 tar-Regolament Nru 1/2003, il-prinċipju ta' preżunzjoni tal-innoċenza u d-dritt għal smigħ xieraq [dispożizzjonijiet magħquda tal-Artikolu 47 u tal-Artikolu 48 flimkien mal-Artikolu 52(3) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem il-"Karta") u l-Artikolu 6(1) u (2) tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali (iktar 'il quddiem il-"KEDB")] peress li naqset milli teżerċita l-istħarriġ ta' ġurisdizzjoni sħiħa fuq id-deċiżjoni kkontestata, kif mitlub, peress li bbażat ruħha fuq preżunzjoni ta' eżattezza tal-konstatazzjonijiet fattwali u legali stabbiliti mill-Kummissjoni u peress li ma għamlitx suffiċjentement użu mis-setgħa diskrezzjonali tagħha fir-rigward tal-impożizzjoni tal-multi.

It-tieni nett, il-Qorti Ġenerali kisret l-Artikolu 263 TFUE, id-dritt għal rimedju effettiv tar-rikorrenti (l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 47 tal-Karta) u l-prinċipju ta' opportunitajiet ugwali għall-partijiet billi eżerċitat b'mod insuffiċjenti l-istħarriġ tal-legalità tagħha u billi marret lil hinn mil-limiti ta' din tal-aħħar għad-detriment tar-rikorrenti.

It-tielet nett, il-Qorti Ġenerali żnaturat il-kontenut tal-fajl b'diversi modi u b'mod li jista' jkun rilevanti għas-soluzzjoni tal-kawża u kisret il-prinċipji rikonoxxuti li jirregolaw l-amministrazzjoni tal-provi.